# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 112**

**Citaz. Nru. 1191/97GV**

Doc. 100-01

**Francis Scicluna**

**vs**

**Nicholas sive Colin Caligari u b'digriet tat-3 ta' Lulju, 1997 gie kjamat fil-kawza Frederick Cauchi**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) import ta' senserija li thallset mill-attur lill-konvenut in konnessjoni ma trasferiment ta' art imsejjha "Tal-Hemsija" fil-Limiti tarRabat, Malta liema trasferiment effettivament ma sehhx u l-att finali ma giex ippubblikat;

Premess illi jirrikorru l-provedimenti tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar id-dispensa tas-smiegh tal-kawza peress li l-ammont hu cert, likwidu u skadut u l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni x'jissolleva (Dok. A);

Premess illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas izda baqa' inadempjenti:

L-attur talab lil din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef lira

Maltin (Lm5,000) kif hawn fuq spjegat u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza fit-termini tal-artikoli 167 - 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu, 1997 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Nicholas sive Colin Caligari a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, il-gudizzju m'huwiex integru stante li s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) illi thallset mill-attur kienet thallset kemm lill esponent ghalih kif ukoll lil Frederick Cauchi, u ghalhekk l-esponenti qieghed jitlob il-kjamata in kawza ta' Frederick Cauchi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante illi l-imsemmija somma ta' Lm5,000 ma thallsitx lill-esponent u lil Cauchi bhala senserija izda bhala kumpens ghas-servizzi rezi minnhom lill-attur kemm qabel kif ukoll wara l-konvenju, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 13 tal-process li bih gie kjamat fil-kawza Frederick Cauchi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Frederick Cauchi a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din il-Qorti stante illi l-imsemmija somma ta' hamest elef lira Maltin

(Lm5,000) ma thallsitx lill-esponent u lil Nicholas sive Colin Caligari bhala senserija izda bhala kumpens ghas-servizzi rezi minnhom lill-attur kemm qabel kif ukoll wara l-konvenju, u dan kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm5,000 import ta' senserija li thallset mill-attur lill-konvenut in konnessjoni ma' trasferiment ta' art imsejha Tal-Hemsija fil-limiti tar-Rabat, Malta, liema trasferiment effettivament ma sehhx u l-att finali ma giex ippubblikat.

**ECCEZZJONIJIET**

Fl-ewwel eccezzjoni l-konvenut kien talab il-kjamat fil-kawza ta' Frederick Cauchi u din it-talba kienet intlaqet.

Imbaghad eccepixxa li l-Lm5,000 ma thallsux bhala senserija izda bhala kumpens ghal servizzi rezi minnhom lill-attur kemm qabel kif ukoll wara l-konvenju.

Il-kjamat fil-kawza Cauchi eccepixxa l-istess haga bhal Caligari.

**PROVI**

**L-attur** xehed li l-konvenut kien urih l-art u kien riedha. Lis-sid Charles

Demicoli offrilu Lm20,000 bhala depositu minflok Lm10,000. Wara kien sab li l-qiesien kienu hziena ghalhekk mar fuq il-post mal-konvenut izda ma baqax interessat aktar. Hu kien ghamel konvenju u rega' geddu. Imbaghad meta ra li l-art ma kienitx kif suppost, hassar. Hu lahaq ta' Lm30,000 lil Demicoli. Hu kien ghamel kawza lil dan Demicoli li raddlu lura l-flus. Il-konvenut u l-kjamat fil-kawza kienu s-sensara. L-aktar li ddilja kien ma Caligari. Hu kien tah Lm5,000 lil Caligari fis-7 ta' Marzu, 1996 Dok Z2 a fol. 30, talli kien ser ibieghlu l-art u talli ressqu fuq din l-art. Hu qed jitlob lura dawn il-flus ghax gie ngannat u ma sarx il-kuntratt.

Fuq kontro-ezami wiegeb li s-sensar kien qallu li kien hemm haddiehor interessat fl-art. Hu kien offrilu 5% tal-prezz ta' l-art Lm100,000 cioe' Lm5,000. Fil-konvenju ma ssemmietx senserija. Hu kien qal lill-konvenut li kien lest li jerga' jbiegh l-art jekk isiblu persuni nteressati, izda ma ressqulux nies. Kienu semmew xi nies izda qatt ma ressqu lill-hadd. Dan kien fiz-zmien meta kien fuq konvenju. Meta mbaghad ra li kien gie ngannat, ma baqax interessat. Hu kien hallas lis-sensar wara li skada l-konvenju ghax fdah lis-sensar. Hu hallas qabel il-kuntratt ghax kien talabhomlu l-konvenut. Hu hallashom 5% ghax il-konvenuti agenti u ghandhom kumpanija.

**Il-konvenut Colin Caligari** xehed li kienu urew din l-art lill-attur li kien interessat fiha. L-attur ried jakkwista din l-art minflok haddiehor li kien ukoll interessat u kien lest li jaghtihom Lm5,000. Wara li sar il-konvenju fil-fatt hallashom din is-somma pero' ma ssemmitx fuq il-konvenju. Wara li sar il-konvenju l-attur kien interssat jerga' jbiegh l-art u kien qallhom biex isibulu lill xi hadd. Huma ghamlu skoss avvizi fil-gazzetti, telghu diversi drabi fuq l-art kemm ma' l-attur kif ukoll ma xerrejja prospettivi, ghamlu hafna telefonati, u hlew hafna zmien. L-attur kien qed jitlob aktar flus ghal art milli kienu sabulu u n-nies ma waslux. Ghax xoghol li ghamlu, l-attur ma hallashomx. Wara ftit taz-zmien saru jafu li l-attur ma riedx ikompli bin-negozju tax-xiri ta' l-art u sfratta kollox.

**Fredrick Cauchi** ikkonferma dak li qal Caligari. Fuq kontro-ezami wiegeb li

l-attur tahom il-Lm5,000 biex jaqbzu lill Camilleri. Huma kienu ghamlu hafna spejjez u huma riedu li dak li tilfu f'hin u spejjez igibuhom minn dawk il-Lm5,000.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi konvenuti eccepew li l-Lm5,000 ma thallsux bhala senserija izda bhala kumpens ghal servizzi rezi minnhom lill-attur kemm qabel kif ukoll wara l-konvenju. Fl-affidavit taghhom u fix-xhieda fil-Qorti pero' huma qalu li l-Lm5,000 thallsu biex huma jippreferu lill attur minflok persuna ohra, certu Camilleri li kien interessat fl-art. Meta l-kjamat fil-kawza gie ippressat jirrispondi liema kienet il-vera raguni, dan insista li huma kienu ghamlu hafna spejjez u huma riedu li dak li tilfu f'hin u spejjez igibuhom minn dawk il-Lm5,000. L-istess irrepetew fin-nota taghhom a fol. 75.

Il-konvenuti ma pprezentaw l-ebda kontro-talba ghal xi pretensjoni li qed jippretendu li ghandhom, u jekk qed jippretendu li ghandha topera xi tpacija, eccezzjoni f'dan is-sens ma saritx, u anke kieku din mhiex possibili billi l-attur qed jikkontesta li hu ghandu jaghti xi haga lill-konvenuti (kemm bhala senserija u kemm bhala kumpens) Hu cahad li l-Lm5,000 kienu pagament ta' kumpens.

Illi in tema legali, gie ritenut mill-Qrati Taghna li "**Il-kompensazzjoni** ssir *ipso jure* u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha '*ipso jure*' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra." Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi.

L-attur qed jinsisti li din kienet is-senserija **talli kien se jbieghli din l-art u talli ressaqqni fuq din l-art.** Hu hallas l-ammont ta' Lm5,000 ekwivalenti ghal 5% fuq Lm100,000 il-prezz ta' l-art. Hu spjega li l-konvenuti huma

kumpanija u agenti u ghalhekk hallashom 5% u mhux 1%.

Jigi rilevat ukoll li, anke kieku, l-konvenuti ma gabu l-ebda prova dwar l-allegati spejjez li ghamlu, li skond huma jlahhqu ghal Lm5,000, meta dawn suppost kienu ghal avvizi fil-gazzetti u telefonati u giri ‘l hawn u ‘l hemm.

L-attur spjega ghaliex huwa ma kienx resaq ghal kuntratt u semma li kien hemm diskrepanza fil-pjanti u fil-qiesien u ghalhekk ma baqax interessat. Fil-fatt hu kien fittex lis-sid biex jirritornalu d-deposit li tah ta’ Lm30,000 u dan kien tahomlu lura, izda l-konvenuti ma semmew xejn dwar dawn l-affarijiet u lanqas ma jridu jirritornaw lura s-senserija li kien hallashom l-attur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza, tilqa’ t-talba attrici u tikkundannahom ihallsu lil attur is-somma ta’ Lm5,000.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut u tal-kjamat fil-kawza.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**